Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0214

Il-Konvenzjoni ta’ The Hague (1980) dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta’ Minuri: l-adeżjoni ta’ Cabo Verde

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Ġunju 2026 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta’ Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta’ The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta’ Minuri (COM(2026)0063 – C10-0081/2026 – 2026/0041(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2026)0063),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 38, ir-raba’ paragrafu, tal-Konvenzjoni ta’ The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta’ Minuri,

 wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0081/2026),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja[1] dwar il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea għal dikjarazzjoni ta’ aċċettazzjoni ta’ adeżjoni mal-Konvenzjoni ta’ The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta’ Minuri,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 u l-Artikolu 117(8) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0157/2026),

1. Japprova l-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri li jaċċettaw, fl-interess

---

[1] L-opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta’ Ottubru 2014, ECLI:EU:C:2014:2303.

tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta’ Cabo Verde għall-Konvenzjoni ta’ The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta’ Minuri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Bureau Permanenti tal-Konferenza ta’ The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.